SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 06**

**IL-ĦAMIS 12 TA' LULJU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6:40pm) |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier A. Checthuti, C. Said u P. Fenech kienu skużati minħabba raġunjiet ta' mard.

Minħabba nuqqas ta' quorum, din il-laqgħa bdiet fil-17:35.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

Fil-bidu ta' din il-laqgħa s-Sindku għan-nom tal-Kunsill ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier A. Curmi tat-telfa ta' ħuh is-Sur G. Curmi.
Il-Kunsillier A. Curmi rringrazzja lill-Kunsill.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 5 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Curmi issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier staqsa jekk ittieħdietx deċiżjoni mit-Transport Malta dwra jekk hux se ssir taraġ jew trejqa fl-aċċess ta' Triq Josef Kalleya. Is-Sindku nforma li għad ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni pero' hu ssuġerixxa li jkun aħjar li ssir laqgħa mar-residenti sabiex dawn jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2012 fis-6:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx l-laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-Wardens. Is-Sindku nforma li hu ltaqa' mas-Sur Borg Caruana, Authorized Officer. Hu ġie nfurmat li l-Kunsill għandu għad-dispożżizzjoni tiegħu amont ta' sagħtejn ta' ronda kuljum. Il-Kunsillier ġie nfurmat bi kwestjonarju mibgħut mill-LES Wardens li l-Viċi-Sindku ħa l-inakrigu li jimla' pero' qabel ma jintbagħat se jiġi ċċirkulat lil kull Kunsillier għall-approvazzjoni.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar it-talba ta' un/loading bay fi Triq il-Qasam fil-viċinanza ta' St. Amdrew`s Pharmacy. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li waslet risposta mit-Transport Malta. Dawn ħadu deċiżjoni li għandha titneħħa dik eżistenti li qegħda quddiem l-Forex Ironmongery u ssir quddiem l-ispiżerija. Il-Kunsill ma qabilx ma din id-deċiżjoni minħabba li din tintuża minn ħafna kuntratturi u delivery persons fosthom tas-siment. Il-Kunsill qabel li għandha tiċċaqlaq dik ta' quddiem ic-Chinese Pavillion.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikomplu...)

Mill-Kunsillier M. Fava (ikompli)

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslietx risposta mid-Dipartiment dwar meta se jibdew xogħlijiet ta' culverts fi Triq il-Gejża, Triq it-Tiben, Triq l-Ilqugħ, Triq l-Għamad u Triq il-Qasam. Il-Kunsillier ġie nfurmat li sa issa għad ma waslietx konferma ta' meta ser jibdew dawn ix-xogħolijiet.

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier irrapurtat dwar id-dewmien fit-twissija tal-ħsarat tad-dawl.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa dwar is-sistema tal-WIFI fi Ġnien FX Ebejer. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma bil-prezz ta' din is-sistema li huma mniżżlin hawn taħt:

   4MB - €120 kull sena
   20MB - €900 kull sena

   IL-Kunsill staqsa għal possibilta' ta' 8 MB. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jikkuntatja lill-kumpanija.

## III KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta u qara rapport idetteljat lill-Kunsill dwar il-laqgħat li kellu ma' residenti u entitajiet governanttivi. Ir-rapport detteljat aness ma' dawn il-Minuti – Appendici A

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## IV KOMUNIKAZZJONI MILL- VIĊI -SINDKU

1. Ġie diskuss il-programm għal Jum is-Swieqi. Il-programm se jinfirex fuq tlett ijiem.

   L-ewwel ġurnata l-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2012 se tkun iddedikata għaż-żagħżagħ.

   It-tieni ġurnata s-Sibt 8 ta' Settembru 2012 filgħodu se jitellaw attivitajiet sportivi għal kulħadd. Filgħaxija ser jsir bar-be-que organizzat mis-Swieqi United Football Club flimkien ma' ZAK.

   It-tielet ġurnata l-Ħadd 9 ta' Settembru 2012 se jitellgħu attivitajiet għat-tfal u għal familja kollha.

2. Il-Viċi Sindku ppreżenta u qara rapport detteljat. Ir-rapport aness ma' dawn il-Minuti ( Appendiċi B )

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier ippreżenta rapport iddetaljat dwar Traffic Managment fil-lokalita'. Dan ir-rapport diġa' intbagħat lit-Transport Malta għall-approvazzjoni. Ir-rapport anness – Appendici C. Huwa nforma li 'il quddiem se jsir appuntament ieħor ma' Transport Malta biex jerġa' jiġi diskuss il-kontenut ta' dan ir-rapport.

2. Hu rraporta li d-dawl taz-zebra crossing ħdejn il-Ġnien FX Ebejer ,fuq in-naħa tal-lemin int u dieħel is-Swieqi għadu ma jixgħelx.

3. Ġie rrapurtat li l-KEEP CLEAR fuq in-naħa tax-xellug fi Ġnien FX Ebejer fil-parkeġġ tal-bowser ta' l-ilma għadha ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din diġa ordnata, fil-fatt diġa' weħlet it-tabella.

4. Il-Kunsillier rraporta l-bżonn ta' żebgħa kulur griż taħt il-Mini fl-entratura tas-Swieqi. Dan ir-rikwest kien sar f' Novmebru tas-sena 2011. Is-Segretarju wieġeb li dawn ix-xogħlijiet kien informa bihom lid-District Officer Mr N. Deidun pero' sa issa għad ma sabx ħin biex dawn jsiru.

5. Huwa rraporta wkoll il-bżonn ta' railing fi Triq l-Arti fuq it-taraġ aċċess għat-Triq J.Kalleya. Il-Kunsill qabel li għandha tigi preżentanta kwotazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jġib din il-kwotazzjoni.

6. Il-Kunsillier reġa' rraporta l-problema tal-madum jiżloq fin-naħa tal-ħwienet fi Triq is-Swieqi. Dan ir-rapport sar f' Jannar ta 2012.Il-Kunsill qabel li dan il-madum għandu jinbidel u għalhekk is-Segretarju Eżekuttv ħa l-inkarigu li jitlob stima. Ix-xogħlijiet issiru mill-ħaddiema tad-Distrett.

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)**

Mill-Kunsillier Alfred Curmi (ikompli)

7. Huwa rrekomanda li bħala miżura biex jitnaqqsu l-ispejjeż,ma jibqgħux jinxtraw il-gazetti kollha kuljum. Hu ssuġerixxa li kuljum jinxtraw biss The Times u l-Orizzont bħala miżura biex jitnaqqsu l-spejjeż.

8. Reġa' ġie enfazzizat il-bżonn li jiżdiedu l-ħaddiema ta' l-IPSL biex jkunu jistgħu jlaħħqu aħjar mad-domanda tax-xogħolijiet ta'manutenzzjoni fil-lokalita'. Huwa ssuġerixxa li l-Kunsill għandu uffiċjalment jagħmel talba lil Awtorijitajiet ikkoċernati biex din il-problema tissolva mill-aktar fis possibli.

9. Huwa reġa' ssuġerixxa li l-kelma *kunsillier* m'hemmx għalfejn tkun repetuta taħt kull rapport tal-kunsillieri.

Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier staqsa jekk walsietx xi risposta mit-Transport Malta dwar l-esprotazzjoni tat-Triq ir-Ratal. Is-Segretarju u s-Sindku wieġbu li għadha ma waslet l-ebda risposta.

2. Ġie rrapurtat abbuzi ta'parkeġġ viċin il-garaxxijiet b'konsegwenza li xi residenti qed issibuha ferm diffiċli biex joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom.

3. Il-Kunsill għandu jibda' inizjattiva fejn darba kull tlett xhur jagħżel suġġett jew aspett prtikolai fejn jidħol parkeġġ u t-traffiku.

4. Il-Kunsillier talab li meta jsiru laqgħat ma' residenti jew ma' entitajiet; għandu jiġi nfurmat il-Kunsill kollu b'hekk kull Kunsillier ikun jista' jattendi.

5. Ġie ppreżentant rapport ta' kif il-Kunsill għandu jimxi mal-Kommunita tan-Negozju. Rapport anness ma' dawn il-Minuti – Appendiċi C.

6. Huwa ssuġerixxa li ż-żona bejn Triq il-Qasam lejn Triq is-Swieqi,Triq il-Ġiżimin, Triq J. Kalleja lejn Triq is-Swieqi bit-toroq tal-ġnub inkludi, jsiru kollha residents' parking zone bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd u btajjel pubbliċi. Dan għandu jsir bejn 21:30 u 06:00. Il-Kunsillier irraporta li madwar ġimgħa ilu, huwa personalment mar fl-imsemmija toroq wara l-22:00 fi tlett okkażżjonijiet differenti u minkejja li għamel aktar minn 45 minuta iddur fl-istess toroq, ma rnexxilux issib parkeġġ mkien. Huwa talab biex tttieħed deċiżjoni dwar din il-materja mill-aktar fis possibli.

7. Il-Kunsillier issuġerixxa li l-Kunsill għandu jindaga x'inhu meħtieġ biex is-seduti tal-Kunsill jibdew jiġu streamed live fuq l-internet minħabba li dan jkun ta' benefiċċju kbir għar-residenti.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)**

<u>Mill-Kunsillier Rene Rossignaud</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk intbagħtietx l-informazzjoni lil MEPA dwar il-bżonn ta' boundary wall madwar il-lukanda Forum.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din il-korripondenza ġa ntbagħtet.

2. Hu talab sabiex titnaddaf mill-ħaxix fiż-żona ta' St. Andrews Complex fil-viċinanza tal-Forum Hotel.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx xi żvillup dwar il-persuna li soffriet xi ħsarat fil-vettura tiegħu waqt li kien qed jsuq fi Triq il-Marbat. Dwar din il-materja, il-Kunsill iddeċieda li lil din il-persuna għandha tingħata kumpens ta' €100.
   Il-KunsillierRossignaud ma qabilx ma din id-deċiżjoni, hu jaqbel li għandha titħallas is-somma kollha ta' €135.

<u>Mill-Kunsillier Mary Anne Abela</u>

**OFFERTA LANDSCAPING FIL-MADLIENA**

1. Il-Kunsillier ippreżentant ir-rapport ta' l-Aġġudikazzjoni dwar din l-offerta'.

   L-offerti sottometti kienu ħamsa:

   a. T. Mifsud - €17,995.00
   b. Agricultural Co-Operative - €14,500.00
   c. Rick Caruana - €13,600.00
   d. E.L.C Ltd - €19,800.00
   e. Calamatta Landscapes - €17,900.00

   Il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena rrakomanda li din l-offerta għandha tingħata lis-Sur R. Caruana għal stima ta' €13,600.00 minħabba li din kienet l-aktar offerta' vantaġġjuża.
   Il-Kunsill qabel ma' deċiżjoni li ħa l-Kumitat Amministrattiv. Għaldaqstant unanimament sar din l-offerta għandha tingħata lis-Sur R. Caruana.
   Minħabba li dan il-kuntratt irrid jiġi ifinallizat sa Novembru , il-Kunsill talab sabiex dawn ix-xogħlijiet jibdew mill-akatr fis.

2. Il-Kunsillier issuġeriet li tiġi nstallata Answering Machine fil-Kunsill. Din tkun ta' benefiċċju għar-residenti li jċemplu waqt li l-uffiċċju jkun magħluq.

3. Ġie rrapurtat sufan mormi fi Triq il-Galata.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIER (ikompli)

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela – tkompli...

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-emblema rrekomandata mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, li kienet tiffoka fuq il-kapella ,ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant sar appuntament mas-Sur Andrew Strickland, il-persuna responsabbli mill-emblemi. Dan esebixxa emblema oħra li tiffoka l-aktar fuq il-Forti Madliena. Din ġiet aċċettata mill-Kumitat Amministrattiv. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din id-deċiżjoni.

5. Il-Kunsillier nforma li kellu lmnent li l-persuna qed titm' l-qtates fi Triq il-Wejba In-numri reġistrazzjoni tal-vettura tagħha huma RRU 261. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jirraporta lill-Pulizija.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li t-talba sabiex jerġa' jsir l-Bus-Stop fi Triq Sant Andrija quddiem Triq tal-Mielaħ ma ġietx aċċetata mit-Transport Malta.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li kellu domanda minn resident sabiex jiġu nsallati doggie bins fil-lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda li din il-materja tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-attivita' Car Free Day. Wara diskuzzjoni l-Kunsill iddeċieda li jinħoloq Kumitat Adhoc abiex jkun jista' jippjana aħjar din l-attivita'.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li kellu talba minngħand sid tal-ħanut li huwa fi Pjazza ta' fi Triq ta' l-Ibraġ. Dan is-Sid qed jikteb li ssir Timed Parking għal 3 vetturi fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li għandu jitħalla spazju għall-vetuura waħda.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta kwotazzjoni għal bozzoz speċjali ġodda ta' zebra crossing . Dawn ikollhom garanzija ta' sentejn għal ħsarat kollha li jistgħu jinqalgħu. Il-kwotazzjoni tammonta għal €6726.00 għal 5 zebra crossing fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jsiru 3 biss zebra crossings b'dan id-dawl, fi Triq is-Swieqi, Triq il-Qasam ħdejn Marlows u quddiem il-paroċċa. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETRAJU EŻEKUTTIV – ikompli

6. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar ilment minn resident dwar l-iskip li ġiet installata fi Triq il-Qatta. Ġew esibiti ritratti b'din l-iskip abbużata. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm il-bżonn li jinxtara projector biex jintuża fl-attivita' Skola Sajf . Ġiet ippreżentata kwotazzjoni ta' €327. Il-Viċi –Sindku ħa l-inakrigu li jindaga liema jkun l-aħjar , hu ser jagħti risposta aktar 'il quddiem.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s-Sinjorina Naomi Magri,skrivana mal-Kunsill għalqet sena fl-impjieg tagħha u għaldasqtant din għandha titla' notch għola fil-paga tagħha. Il-Kunsill qabel unanimament.

## VI APPROVAZZJANI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Ġie deċiż li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat 9:15pm u sar aġġornament għall-Ħamis 9 ta' Awwissu 2012.

**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**